MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Numru. 874/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**V**

**Fabian Schiriha ta’ 18 sena, bin Francis u Pauline nee Agius, imwieled Pieta’ nhar il-15/05/1985 u joqghod Nru. 95, ‚Sserin’, Triq it-Trincetta, Mosta, detentur tal-karta ta l-identita’ bin-numru 266885 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Fabian Schiriha li gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer u cioe fil-pjazza tar-Rotunda l-Mosta, nhar il-15 ta’ Awissu, 2003 ghall-habta tal-0020 hrs ingurja, hedded u ghamel offizi fuq il-persuna

ta’ PC 1403 Anthony Spiteri u lil PC 698 Shaun Tabone, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz

(ii) Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ PC 1403 Anthony Spiteri u PC 698 Shaun Tabone, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti
(iii) Akkuzat ukoll talli fl-istess post , data, hin u cirkostanzi ghamel offizi fuq il-persuna ta’ PC 1403 Anthony Spiteri ta’ natura hafifa, u dan kif iccertifika it-tabib Alex Magri MD mic-centru tas-sahha tal-Mosta.
(iv) Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe nuccali ta’ PC 698 Shaun Tabone, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira (Lm 42), imma tkun izjed minn ghaxar liri.
(v) Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallihx jew fixkilhom waqt li jkunu jaghmlu dmirijiethom,
(vi) Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies b’ghajjat, jew b’mod iehor
(vii) Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel gest oxxeni, li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika,

Fl-ahharnett akkuzat ukoll talli huwa recidiv, wara li kien gie kkundannat ghal reati b’sentenzi li jkunu saru definittivi u ghamel reat iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li flimkien mal-piena, applikabbli ghal reati fuq imsemmija, tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ PC 698 Shaun Tabone u ta’ PC 1403 Anthony Spiteri, jew sabiex jinzamm il-bon ordni

pubbliku, torbot lill-hati Fabian Schiriha b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Gnerali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kelu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, rat ukoll illi Fabian Schiriha rregistra li hu kien hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-pre sentencing report redatt minn Marietta Lanzon kif ordnat mill-Qorti wara d-debita ammissjoni.

Ikkonsidrat

Illi hija qeghda ssibu hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu wara li rat l-artikolu 95, 96, 221, 325, 338, 49 u 50 tal-kapitlu 9.

In kwantu Schiriha ghalhekk huwa anke recidiv din il-Qorti ma tistax tapplika l-artikoli tal-provediment 28A, ghalkemm frankament minn dak li rrizulta mill-pre sentencing report l-akkuzat ma tantx jidher li fehem l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti minn sentenza sospiza u ordni ta' supervizjoni.

Qeghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena mil-llum dana ghaliex anke jekk hi taqbel li hu ghandu bzonn l-ghajnuna u jsib impieg kif elenkat fil-pre sentencing report, jidher mill-istess li hu nghata diversi opportunitajiet u ma gharafx jipprevalixxi ruhu minnhom taht il-Kap 152 u hija ghal kollox prekluza milli tapplika l-artiklu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------